**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 134**

**L-Erbgħa, 14 ta' Ġunju, 2023 fl-4:00 p.m.**

**LISTA TA’ KIRI/BEJGĦ TA’ ARTIJIET PUBBLIĊI**

**9013. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista’ l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8402 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-lista ta’ artijiet pubbliċi li nbiegħu jew inkrew lil terzi mill-Awtorità tal-Artijiet mill-1 ta’ Jannar tal-2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista’ jindika għal kull art jekk inkrietx jew inbigħetx, permezz ta’ liema proċess sar il-kiri jew il-bejgħ u lil min ingħataw, għall-artijiet li nkrew jgħid kemm hija l-kirja li titħallas fis-sena, u għall-artijiet li nbiegħu jgħid kemm kienet is-somma li l-Gvern irċieva għal tali bejgħ?

23/05/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma l-Onor. Interpellant illi r-risposta tingħata fis-seduta li jmiss.

Seduta 134
14/06/2023

**ĊENTRI TA’ MATUL IL-JUM – TAĦRIĠ LILL-CARERS**

**9132. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista’ l-Ministru jgħid jekk jingħatax taħriġ lill-carers li jaħdmu fiċ-Ċentri ta’ Matul il-Jum? Jekk iva, kemm-il darba jingħata dan it-taħriġ, fejn ingħata dan it-taħriġ u fiex kien jikkonsisti?

24/05/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li m’hemmx carers fiċ-Ċentri ta’ Matul il-Jum.

Seduta 134
14/06/2023

**DJAR RESIDENZJALI TAL-ANZJANI – SERVIZZI OFFRUTI**

**9133. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista’ l-Ministru jgħid kemm-il servizz jeżisti fid-djar residenzjali tal-anzjani u liema huma? Jista’ jgħid ukoll jekk l-anzjani u l-familjari tagħhom ikunux infurmati b’dawn is-servizzi u jekk iva x’tip ta' informazzjoni tingħata u kif?

24/05/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jagħmel referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8228 li ngħatat fis-Seduta 116 tat-2 ta’ Mejju 2023.

Seduta 134
14/06/2023

**GVERNIJIET LOKALI - INTRODUZZJONI TAL-QUALITY SERVICE CHARTER**

**9134. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B’referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7545, jista’ l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-Karta ta’ Servizz ta’ Kwalità/Quality Service Charter tal-imsemmija Kunsilli Lokali?

24/05/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra d-dokumenti mitluba li għaddew lili mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

Intant infurmat mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali illi għalkemm fit-tweġiba li ngħatat għad-domanda parlamentari 7545 il-Kunsilli Lokali ta' Birkirkara u tar-Rabat (Għawdex) kienu rrispondew lill-istess Diviżjoni għall-Gvern Lokali li kellhom Quality Service Charter, issa rriżulta li tali Kunsilli m'għandhomx taliQuality Service Charter.

Seduta 134
14/06/2023

**KUNSILL LOKALI TA' MARSASKALA – RWOLI TAL-KUNSILLIERA**

**9135. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-irwoli kollha li huma responsabbli tagħhom il-kunsilliera tal-Kunsill Lokali ta' Marsaskala?

24/05/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-informazzjoni mitluba tinsab hawn taħt:

| **Kunsillier** | **Responsabbiltajiet.** |
|---|---|
| **Sindku**<br>Mario Calleja | Finanzi u Sigurtà, proġetti kapitali u membru tal-bord tar-rivista.<br><br>Ambjent - ( Indafa ) – Kollezzjoni tal-iskart domestiku u goff, knies u BIS<br><br>Komunitajiet tan-negozji flimkien ma' Entitajiet oħra inkluż il-Kleru.<br><br>Tqassim ta' xogħol lill-ħaddiema tal-Kunsill<br><br>Douzelage Town Twinning Organisation, Proġetti u Fundazzjoni GAL Xlokk. |
| **Viċi Sindku**<br>Janice Falzon: | Ambjent, Ambjent fejn jidħol Riserva tal-Magħluq.<br><br>Transport Pubbliku inkluż Bus Shelters.<br><br>Ħarsien tal-annimali.<br><br>Sports u attivitajiet fiżiċi.<br><br>Bord editorjali tar-rivista. |
| **Kunsillier**<br>John B. Camilleri: | Binja Amministrattiva.<br><br>Enerġija, Ambjent Marittimu fejn jidħlu gaġeġġ tal-ħut u kull tniġġis tal-ibħra tal-madwar<br><br>Integrazzjoni Soċjali u membru tal-Bord tar-rivista, komunitajiet. |
| **Kunsillier**<br>Charlot Mifsud: | Edukazzjoni Primarja u rappreżentant tal-edukazzjoni fid Douzelage.<br><br>Anzjani<br><br>Indafa u tisbiħ tal-ġonna u promenade |
| **Kunsillier**<br>Dr. Patrick Camilleri: | Rappreżentant tal-Kunsill fil-Wasteserv u l-Impjant ta` Sant' Antnin<br><br>Rappreżentant tal-Kunsill fill-Kumitat tar-Reġjun Xlokk.<br><br>Ħolqien ta' Website ġdida tal-Kunsill flimkien ma' facebook.<br><br>Edukazzjoni Sekondarja (li tinvolvi laqgħat maż-żewġ kapijiet tal-iskejjel |

| | |
|---|---|
| | tagħna flimkien ma' Charlot Mifsud għall-edukazzjoni aħjar fil-lokal tagħna.)<br><br>Innovazzjoni |
| **Kunsilliera**<br>Mary Rose Mifsud | Kultura,<br><br>Attivitajiet soċjali (inkluż Jum Marsaskala.)<br><br>Persuni b`diżabilità<br><br>Ugwaljanza. |
| **Kunsillier**<br>Ryan Portelli | Żgħażagħ u tfal.<br><br>Proġetti tad-Douzelage.  Applikazzjonijiet u rapport finali.<br><br>Tħejjija għal-laqgħa Ġenerali Annwali f'Marsaskala fl-2022. |
| **Kunsillier**<br>Dr. Errol Cutajar | Qasam Soċjali<br><br>Infittxu residenti li ma jgħixux diċenti.  Nippruvaw naslu kemm mal-knisja kif ukoll mal-Awtoritajiet Ċivili.<br><br>Sanità.  Infittxu garaxxijiet li jabitaw nies fihom mingħajr faċilitajiet sanitarji.<br><br>Wirt Storiku. |
| **Kunsillier**<br>Il-Perit John Schembri: | Infrastruttura tat-toroq.<br><br>Disinji fuq proġetti proposti.<br><br>Nidentifikaw għamara fit-toroq tagħna li jkollha bżonn manutenzjoni jew tinbidel.  Hemm bżonn isir inventarju ta' kull biċċa għamara li għandna fit-toroq tagħna. |

Seduta 134
14/06/2023

**MOSTA – RESTAWR TAL-MITĦNA**

**9136. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid hemmx il-ħsieb li tiġi rrestawrata l-Mitħna tal-Mosta? Jekk iva, meta?

24/05/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-entitajiet fi ħdan il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u Gvern Lokali jagħmlu r-restawr skont programme of works ibbażat fuq diversi fatturi, inkluż prijoritajiet.

Intant tajjeb jiġi rrimarkat illi hemm diversi possibbiltajiet u għajnuniet finanzjarji li Kunsilli Lokali jistgħu jesploraw u japplikaw għalihom sabiex iwettqu proġetti ta' restawr fil-lokalitajiet tagħhom, kif sar diġà minn Kunsilli Lokali oħra.

Seduta 134
14/06/2023

**NSO – PERSUNI LI HUMA MĊAĦĦDA MINN AFFARIJIET BAŻIĊI**

**9137. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru, permezz tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, jelenka l-lokalitajiet fejn jgħixu l-50,000 persuna f'pajjiżna li qed iħossuhom li huma mċaħħda minn affarijiet bażiċi, kemm bżonnijiet materjali kif ukoll dawk soċjali?

24/05/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-NSO m'għandhiex l-informazzjoni skont il-lokalità hekk kif mitlub fil-mistoqsija.

Seduta 134
14/06/2023

**KUMPANIJI PRIVATI - APPLIKAZZJONIJIET GĦALL-FONDI TAL-UE**

**9397. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid x'applikazzjonijiet saru minn kumpaniji privati għall-fondi tal-Unjoni Ewropea mill-Baġit 2014-2020? Jista' jgħid taħt liema programmi saru dawn l-applikazzjonijiet u f'kull każ għal xiex kellhom jintużaw il-fondi Ewropej? Jista' jgħid f'liema stadju waslu l-applikazzjonijiet minn dawn il-kumpaniji privati u ċjoè jekk ġewx approvati jew le? Jista' jgħid dawk li ġew approvati, liema kienu u x'inhu l-persentaġġ li joħorġu mill-Fondi tal-Unjoni Ewropea u mill-Gvern Malti u jelenka f'kull każ l-isem tal-kumpanija benifiċjarja?

31/05/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tlabt biex l-informazzjoni tinġabar.

Seduta 134
14/06/2023

**SPTAR ĠENERALI TA' GĦAWDEX – XIRI TA' APPARAT**

**9398. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'apparat mistenni jinxtara b'ko-finanzjament mill-fondi tal-Unjoni Ewropea għall-Isptar Ġenerali ta' Għawdex matul din is-sena? Meta mistenni jinħareġ it-tender indikat fl-istess tweġiba tiegħu?

31/05/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi għaddej ix-xogħol ta' preparament għall-ħruġ ta' tender għax-xiri ta' magna tal- MRI ġdida għall-Isptar ta' Għawdex.

Seduta 134
14/06/2023

**XLENDI, GĦAWDEX – TENDER GĦALL-CRUISE LINERS**

**9399. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 16587 tal-Leġiżlatura XIII li ngħatat fid-19 ta' Ottubru 2020, dwar it-tender li kien qed jiġi abbozzat f'Ottubru 2016 għal baga akbar għall-cruise liners fix-Xlendi fejn kien ġie mwieġeb li "it-tender ma kienx ħareġ għal raġuni li ġie deċiż li dan ikun inkorporat bħala parti mill-Master Plan li tiġbor fiha proġett ħolistiku tar-riġenerazzjoni tax-Xlendi", jista' l-Ministru jgħid jekk f'dawn is-sentejn u nofs il-Master Plan tax-Xlendi tlestiex? Jekk tlesta, jista' jqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra? Jista' jgħid jekk is-sejħa għal baga akbar għall-cruise liners fix-Xlendi issa ġietx ippubblikata u jekk intgħażilx min se jagħmel dan ix-xogħol? Meta hu maħsub li din il-baga tkun lesta u meta hu ppjanat li jorbtu magħha l-ewwel cruise liners? Kemm hi l-ispiża totali maħsuba għal dan il-proġett?

31/05/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tender għal baga tal-cruiseliner għadu ma ġiex ippubblikat u biex jagħmel referenza għal mistoqsija parlamentari numru 3745.

Seduta 134
14/06/2023

**NADUR, GĦAWDEX – TRIQ IR-RABAT – RAILINGS TAĊ-ĊINT TAL-BANKINA**

**9400. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid meta se jiġu sostitwiti r-railings taċ-ċint tal-bankina ta' Triq ir-Rabat, fin-Nadur Għawdex, li jinsabu eżatt qabel id-daħla tar-raħal tan-Nadur, peress li huma kollha sadid u ta' periklu kbir?

31/05/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-railings taċ-ċint tal-bankina ta' Triq ir-Rabat, fin-Nadur se jinbidlu fil-ġimgħat li ġejjin.

Seduta 134
14/06/2023

**SKOLA ALP – KRITERJI TAL-INTERVIEW**

**9406. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-kriterji li bihom l-istudenti li jagħmlu l-interview tal-ALP ikunu jew ma jkunux aċċettati?

31/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 134
14/06/2023

**SKOLA ALP – INTERVIEWING BOARD – ASSESSURI**

**9407. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid min huma l-assessuri tal-interviewing board li jassessja lit-tfal li jagħmlu l-interview biex jidħlu fl-iskola ALP?

31/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 134
14/06/2023

**SKOLA ALP – RAPPORT DWAR IR-RIFJUT TA' APPLIKAZZJONI**

**9408. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk jingħatax rapport bir-raġunijiet li għalihom tkun rifjutata applikazzjoni għall-iskola ALP lill-istudenti kkonċernati u lill-iskejjel rispettivi li minnhom ikunu ġejjin l-istudenti?

31/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 134
14/06/2023

**SKOLA ALP – STUDENTI**

**9409. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hi l-popolazzjoni tal-istudenti fl-iskola ALP għas-sena skolastika 2022-2023?

31/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 134
14/06/2023

**SKOLA ALP – MEMBRI TAL-SLT**

**9410. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm għandha membri tal-SLT l-iskola tal-ALP u x'inhuma l-inkarigi tagħhom?

31/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 134
14/06/2023

**SKOLA ALP – EDUKATURI FIL-GRAD TA' TEACHER**

**9411. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm għandha edukaturi fil-grad ta' Teacher l-iskola tal-ALP?

31/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 134
14/06/2023

**RAĦAL ĠDID – TRIQ GĦAJN DWIELI – XOGĦOL**

**9432. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Peress li x-xogħlijiet fi Triq Għajn Dwieli, f'Raħal Ġdid, huma lesti, jista' l-Ministru jgħid kemm ġew jiswew?

31/05/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ispiża mkejla sal-lum għax-xogħlijiet li saru fl-inħawi tal-mini ta' Għajn Dwiel hija ta' madwar EUR 695,000. Dawn ix-xogħlijiet jinkludu r-restawr tal-mina, is-shaft ta' ventilazzjoni f'nofsha u xogħlijiet oħra ta' natura ċivili sabiex il-mina tinfetaħ għall-pubbliku.

Seduta 134
14/06/2023

**RAĦAL ĠDID – TRIQ L-ISQOF BUHAGIAR – TISWIJIET**

**9433. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jara li jsiru r-rapporti u t-tiswijiet neċessarji fi Triq l-Isqof Buhagiar, f'Raħal Ġdid, billi din hija waħda mill-iktar toroq użati mit-trasport u minn vetturi industrijali?

31/05/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ilment għadda għand il-Unit ikkonċernat sabiex jittieħdu l-azzjonijiet neċessarji fejn hemm il-bżonn.

Seduta 134
14/06/2023

**RAĦAL ĠDID – TRIQ L-ISQOF BUHAGIAR – TISWIJIET**

**9434. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jara li jsiru r-rapporti u t-tiswijiet neċessarji fi Triq l-Isqof Buhagiar, f'Raħal Ġdid, billi din hija waħda mill-iktar toroq użati mit-trasport u minn vetturi industrijali?

31/05/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Raħal Ġdid li meta jsiru rapporti lill-Kunsill dwar it-triq imsemmija, il-Kunsill dejjem jipprova jirrimedja kif jista' bil-ħaddiema għad-dispożizzjoni tal-istess Kunsill.

Intant infurmat ukoll li dwar l-istess triq, il-Kunsill Lokali saħansitra anke kellu komunikazzjonijiet mal-entità kkonċernata sabiex tali triq tkun regolata aħjar.

Seduta 134
14/06/2023

**GRANT GĦALL-FIRST-TIME BUYERS**

**9451. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-€10,000 grant għal first-time buyers fuq medda ta' għaxar snin tingħatax biss lil min ħa self minn bank lokali jew lil kull first-time buyer li jakkwista proprjetà ta' valur li ma jaqbiżx il-€500,000?

31/05/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 134
14/06/2023

**GRANT GĦALL-FIRST-TIME BUYERS**

**9452. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-€10,000 grant għal first-time buyers fuq medda ta' għaxar snin tingħatax biss lil min ħa self minn bank lokali jew lil kull first-time buyer li jakkwista proprjetà ta' valur li ma jaqbiżx il-€500,000?

31/05/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant l-għotja ta' €1,000 fis-sena għal 10 sninhija intiża għal persuni li akkwistaw l-ewwel proprjetà residenzjali wara l-1 ta' Jannar 2022. Sabiex applikant jikkwalifika għal din l-għotja jrid ikun akkwista l-proprjetà permezz ta' self minn Bank (home loan).

Ninforma wkoll lill-Onor. Interpellant li ma hemmx capping fuq il-prezz tal-proprjetà.

Seduta 134
14/06/2023

**PRIM'AWLA SEDE KOSTITUZZJONALI – KAWŻI PENDENTI KONTRA L-AVUKAT TAL-ISTAT**

**9466. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm kawżi pendenti kontra l-Avukat tal-Istat quddiem il-Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) li jittrattaw kontestazzjoni dwar l-allegat non-konformità mal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni? Jekk hemm, jista' jgħid liema huma u f'liema stadju tal-proċeduri waslu quddiem il-Qorti?

01/06/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella bl-informazzjoni mitluba hekk kif miġbura sas-6 ta' Ġunju 2023.

Seduta 134
14/06/2023

**PACEVILLE, SAN ĠILJAN – APPROVAZZJONI TA' ŻVILUPP**

**9480. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 7835 u jgħid jekk l-aħħar żvilupp li ġie approvat ġewwa Paceville, San Ġiljan, mill-applikant li d-dettalji dwaru qed jintbagħtu separatament, huwiex earthquake proof?

01/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fl-approvazzjoni tal-bini, kwistjonijiet ta' disinn ta' struttura ta' binja mhumiex regolatorji.

Seduta 134
14/06/2023

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI – KONSULENTI**

**9481. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministu jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 5153 u jgħid kemm għandu konsulenti fil-Ministeru tiegħu, f'liema entitajiet li jaqgħu taħtu, kemm dawn jitħallsu u x'inhuma l-kwalifiki tagħhom?

01/06/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 134
14/06/2023

**SKEMA 'IRRESTAWRA DAREK' – WAQFIEN TAS-SISTEMA**

**9482. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għall-iskema 'Irrestawra Darek' u fid-dawl li fil-Parlament il-Ministru stqarr li l-website kkraxxjat u għalhekk numru ta' applikanti ma setgħux ikollhom aċċess, jista' l-Ministru jgħid x'kien il-ħin preċiż ta' meta din ikkraxxjat?

01/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9874 li ngħatat fis-seduta 132, f'liema tweġiba hemm indikat kif ħadmet is-sistema.

Seduta 134
14/06/2023

**SKEMA 'IRRESTAWRA DAREK' – TAKE-UP**

**9483. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għall-iskema 'Irrestawra Darek' jista' l-Ministru jgħid f'liema ħin preċiż kien hemm take-up u għalhekk l-Awtorità tal-Ippjanar għalqet il-portal tagħha tal-applikazzjonijiet kif stqarr li għamlet l-istess Ministru? Jista' wkoll iqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-applikanti u tal-ħin ta' kull applikazzjoni meta ġiet mill-periti tagħhom u jgħid jekk din ġietx aċċettata?

01/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9784 li ngħatat fis-seduta 132.

Seduta 134
14/06/2023

**AIR MALTA – KUNTRATT MAĊ-CHAIRMAN**

**9486. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' kull kuntratt, inkluż annexes, li hemm maċ-Chairman Eżekuttiv tal-Air Malta u jgħid kemm huma l-ħlasijiet kollha li qed jingħata għal dan ir-rwol u oħrajn konnessi mal-kumpanija?

01/06/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta biex tirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 24130 tal-Leġiżlatura XIII.

Seduta 134
14/06/2023

**RATIFIKAZZJONI TAL-EUROPEAN LANDSCAPE CONVENTION**

**9509. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid fiex wasal il-proċess ta' ratifikazzjoni tal-European Landscape Convention (Florence Convention, 2000)?

05/06/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta sabiex tirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari numru 7425.

Seduta 134
14/06/2023

**ARTS COUNCIL MALTA - KOMPETENZI U REMUNERAZZJONI TA' INDIVIDWI**

**9510. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-kompetenzi relevanti tal-individwi li d-dettalji tagħhom qed jintbagħtu separatament li jiġġustifikaw in-nominazzjoni tagħhom biex jiffurmaw parti mill-Arts Council Malta u jgħid ukoll jekk humiex qed jattendu fil-kapaċità personali tagħhom jew *ex officio* u x'inhi r-remunerazzjoni mogħtija lil kull individwu?

05/06/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta tirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari bin-numru 4898.

Seduta 134
14/06/2023

**BAND CLUBS MANAGEMENT BOARD - KOMPETENZI U REMUNERAZZJONI TA' INDIVIDWI**

**9511. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-kompetenzi relevanti tal-individwi li d-dettalji tagħhom qed jintbagħtu separatament li jiġġustifikaw in-nominazzjoni tagħhom biex jiffurmaw parti mill-Band Clubs Management Board u jgħid ukoll jekk hux qed jattendu fil-kapaċità personali tagħhom jew *ex officio* u x'inhi r-remunerazzjoni mogħtija lil kull individwu?

05/06/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta tirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari bin-numru 4898.

Seduta 134
14/06/2023

**BOARD OF WARRANTS - KOMPETENZI U REMUNERAZZJONI TA' INDIVIDWI**

**9512. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-kompetenzi relevanti tal-individwi li d-dettalji tagħhom qed jintbagħtu separatament li jiġġustifikaw in-nominazzjoni tagħhom biex jiffurmaw parti mill-Board of Warrants u jgħid ukoll jekk hux qed jattendu fil-kapaċità personali tagħhom jew *ex officio* u x'inhi r-remunerazzjoni mogħtija lil kull individwu?

05/06/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta tirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari bin-numru 4898.

Seduta 134
14/06/2023

**CARNIVAL BOARD - KOMPETENZI U REMUNERAZZJONI TA' INDIVIDWI**

**9513. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-kompetenzi relevanti tal-individwi li d-dettalji tagħhom qed jintbagħtu separatament li jiġġustifikaw in-nominazzjoni tagħhom biex jiffurmaw parti mill-Carnival Board u jgħid ukoll jekk humiex qed jattendu fil-kapaċità personali tagħhom jew *ex officio* u x'inhi r-remunerazzjoni mogħtija lil kull individwu?

05/06/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta tirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari bin-numru 4898.

Seduta 134
14/06/2023

**COTTONERA SUPERVISORY COUNCIL - KOMPETENZI U REMUNERAZZJONI TA' INDIVIDWI**

**9514. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-kompetenzi relevanti tal-individwi li d-dettalji tagħhom qed jintbagħtu separatament li jiġġustifikaw in-nominazzjoni tagħhom biex jiffurmaw parti mill-Cottonera Supervisory Council u jgħid ukoll jekk humiex qed jattendu fil-kapaċità personali tagħhom jew *ex officio* u x'inhi r-remunerazzjoni mogħtija lil kull individwu?
05/06/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta tirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari bin-numru 4898.

Seduta 134
14/06/2023

**PROĠETTI F'MALTA, GĦAWDEX U KEMMUNA PERMEZZ TA' FONDI TAL-UE**

**9541. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid liema huma l-proġetti taħt il-programmi Next Generation EU permezz tal-Pjan ta' Rkupru u Reżiljenza u fejn jinsabu ġewwa Malta, Għawdex u Kemmuna? Jista' jgħid ukoll kemm hu l-valur tal-proġetti li ġew aċċettati u liema ma ġewx aċċettati u liema Ministeru applika għalihom biex isiru? Jista' jgħid ukoll kemm se jingħata flus kull Ministeru minn dan il-fond fuq kull proġett u kemm hu l-valur globali ta' kull proġett? Jista' jgħid jekk hemmx proġetti pendenti li għadhom qed jiġu skrutinati u jekk humiex se jibbenefikaw minn dan il-programm jew le? Jista' jgħid ukoll hux se jingħataw aktar flus minn dawn il-Programmi u jekk iva, kemm se jingħata minn dan il-fond u għal liema proġetti oħra? Jista' jgħid meta jagħlaq it-terminu li wieħed jista' japplika għall-flus taħt il-faċilità tan-Next Generation EU?

05/06/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tlabt biex l-informazzjoni tinġabar.

Seduta 134
14/06/2023

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA - PERSUNI LI GĦANDHOM MOBILE ALLOWANCE**

**9565. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid fil-Ministeru mmexxi minnu, kemm hemm persuni li bħalissa għandhom mobile allowance, xi grad huma, kemm hemm f'kull grad, kemm hi din l-allowance għal kull xahar u għal kull sena, għal kull wieħed minnhom?

05/06/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Filwaqt li nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9554, ninformah li hemm 9 persuni li huma intitolati għall-benefiċċju msemmi, bħala parti jew jaħdmu mas-Segretarjat tiegħi u dak tas-Segretarju Parlamentari.

Seduta 134
14/06/2023

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU - PERSUNI LI GĦANDHOM MOBILE ALLOWANCE**

**9566. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid fil-Ministeru mmexxi minnu, kemm hemm persuni li bħalissa għandhom mobile allowance, xi grad huma, kemm hemm f'kull grad, kemm hi din l-allowance għal kull xahar u għal kull sena, għal kull wieħed minnhom?

05/06/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Filwaqt li nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9554, ninformah li hemm 10 persuni li huma intitolati għall-benefiċċju msemmi, bħala parti jew jaħdmu mas-Segretarjat tiegħi.

Seduta 134
14/06/2023

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INTRAPRIŻA - PERSUNI LI GĦANDHOM MOBILE ALLOWANCE**

**9567. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid fil-Ministeru mmexxi minnha, kemm hemm persuni li bħalissa għandhom mobile allowance, xi grad huma, kemm hemm f'kull grad, kemm hi din l-allowance għal kull xahar u għal kull sena, għal kull wieħed minnhom?

05/06/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Filwaqt li nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9554, ninformah li hemm 8 persuni li huma intitolati għall-benefiċċju msemmi, bħala parti jew jaħdmu mas-Segretarjat tiegħi.

Seduta 134
14/06/2023

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL - PERSUNI LI GĦANDHOM MOBILE ALLOWANCE**

**9568. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid fil-Ministeru mmexxi minnu, kemm hemm persuni li bħalissa għandhom mobile allowance, xi grad huma, kemm hemm f'kull grad, kemm hi din l-allowance għal kull xahar u għal kull sena, għal kull wieħed minnhom?

05/06/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Filwaqt li nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9554, ninformah li hemm 8 persuni li huma intitolati għall-benefiċċju msemmi, bħala parti jew jaħdmu mas-Segretarjat tiegħi.

Seduta 134
14/06/2023

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - PERSUNUI LI GĦANDHOM MOBILE ALLOWANCE**

**9569. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid fil-Ministeru mmexxi minnu, kemm hemm persuni li bħalissa għandhom mobile allowance, xi grad huma, kemm hemm f'kull grad, kemm hi din l-allowance għal kull xahar u għal kull sena, għal kull wieħed minnhom?

05/06/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Filwaqt li nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9554, ninfurmah li l-informazzjoni rigward il-persuni li huma intitolati għall-benefiċċju msemmi, bħala parti jew jaħdmu mas-Segretarjat tiegħi għadha qed tinġabar.

Seduta 134
14/06/2023

**MINISTERU GĦAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-IPPJANAR - PERSUNI LI GĦANDHOM MOBILE ALLOWANCE**

**9570. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid fil-Ministeru mmexxi minnu, kemm hemm persuni li bħalissa għandhom mobile allowance, xi grad huma, kemm hemm f'kull grad, kemm hi din l-allowance għal kull xahar u għal kull sena, għal kull wieħed minnhom?

05/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Filwaqt li nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9554, ninformah li hemm 16-il persuna li huma intitolati għall-benefiċċju msemmi, bħala parti jew jaħdmu mas-Segretarjat tiegħi.

Seduta 134
14/06/2023

**DEROGA GĦAR-RIĊERKA FUQ L-GĦASAFAR TAL-GĦANA – LIĊENZJA U KUNDIZZJONIJIET**

**9630. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja intera tal-liċenzja u l-kundizzjonijiet permissibili għad-deroga għar-riċerka fuq l-għasafar tal-għana li ngħatat lin-nassaba li applikaw u ngħataw il-liċenzja fil-ħarifa tal-2022?

05/06/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma l-Onor. Interpellant li l-liċenzji speċjali għar-riċerka fuq is-seba' speċi tal-għasafar tal-għanahuma parti mid-difiża ta' Malta fil-Każ C-23/23 (Kummissjoni v. Malta) u għaldaqsatant huma dokumenti privileġġati.

Seduta 134
14/06/2023

**REĠJUN LVANT – NEFQA ANNWALI TAL-ĠBIR TA' SKART**

**9631. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienet in-nefqa annwali tal-ġbir tal-iskart fl-2021 u fl-2022 ta' kull kunsill b'mod seperat li hemm miġbura fir-Reġjun Lvant?

05/06/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-informazzjoni mitluba tinsab hawn taħt:

| NEFQA ANNWALI ĠBIR TAL-iSKART MATUL L-2021 u 2022 – KUNSILLI LOKALI TAR-REĠJUN TAL-LVANT- PQ 9631 | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Nru. | Kunsill Lokali | Skart Imħallat 2021 | Skart Organiku 2021 | Skart Imħallat 2022 | Skart Organiku 2022 |
| 14 | Birkirkara | €131,601.00 | €121,478.00 | €133,530.00 | €123,324.00 |
| 21 | Il-Gżira | €101,244.00 | €101,601.00 | €101,244.00 | €110,999.00 |
| 24 | Ħal-Għargħur | €33,928.00 | €32,434.00 | €28,862.00 | €29,004.00 |
| 28 | L-Iklin | €20,716.16 | €20,850.60 | €20,985.12 | €20,985.12 |
| 32 | Ħal-Lija | €21,266.52 | €21,403.28 | €27,555.14 | €27,418.38 |
| 41 | L-Imsida | €109,854.61 | €63,989.66 | €142,847.39 | €101,978.94 |
| 46 | Pembroke | €27,253.60 | €27,201.90 | €27,203.29 | €27,029.53 |
| 47 | Tal-Pietà | €78,408.58 | €35,720.69 | €93,243.60 | €62,186.00 |
| 52 | San Ġiljan | €93,600.00 | €93,600.00 | €94,200.00 | €93,600.00 |
| 59 | Tas-Sliema | €242,270.44 | €175,484.73 | €244,530.25 | €154,260.73 |
| 60 | Is-Swieqi | €146,606.99 | €126,951.60 | €173,424.94 | €141,740.60 |
| 61 | Ta' Xbiex | €22,049.15 | €22,644.79 | €23,083.08 | €22,936.97 |
| | | | | | |

Seduta 134
14/06/2023

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR/MEPA – APPLIKAZZJONIJIET GĦALL-UNITS TA' ABITAZZJONI**

**9652. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il applikazzjoni saret mal-Awtorità tal-Ippjanar/MEPA għall-units ta' abitazzjoni, lokalità b'lokalità u sena b'sena, mill-2010 sakemm tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Kemm minn dawn l-applikazzjonijiet inħarġilhom il-permess u kemm minnhom il-permess ġie rifjutat? X'inhu n-numru tar-referenza tal-Awtorità tal-Ippjanar għal kull każ?

05/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Dak li qed jintalab mill-Onor. Interpellant jaqbeż l-advisory cost limit, kif stabbilit anke f'rulings ta' din il-Kamra.

Seduta 134
14/06/2023

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – BINI TA' CHILDCARE CENTRES**

**9653. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il applikazzjoni saret mal-Awtorità tal-Ippjanar għall-bini ta' 'Childcare Centre' f'dawn l-aħħar ħames snin, sena b'sena? Jista' jgħid f'liema lokalità kienu, kemm minnhom kienu approvati u kemm minnhom kienu rifjutati? F'każ ta' rifjut x'kienet ir-raġuni għar-rifjut u jekk ġewx appellati mat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (EPRT) u x'kien l-eżitu tad-deċiżjoni tal-EPRT? Għal kull każ, jista' jgħid x'kien in-numru tal-applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar?

05/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella li turi n-numru ta' applikazzjonijiet li saru mal-Awtorità tal-Ippjanar għall-bini ta' 'Childcare Centre' mill-1 ta' Ġunju 2018 u l-aħħar ta' Mejju 2023, sena b'sena, għal kull lokalità. Peress li l-ebda applikazzjoni ma ġiet rifjutata, ma saru l-ebda appelli minn dawn id-deċiżjonijiet. Qed nippreżenta wkoll lista bin-numru ta' riferenza ta' kull applikazzjoni.

Seduta 134
14/06/2023

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – PROPOSTI TA' ESTENSJONIJIET TA' YACHT MARINAS**

**9654. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm applikazzjonijiet mal-Awtorità tal-Ippjanar/MEPA għall-proposti ta' estensjonijiet ta' yacht marinas/yacht marinas ġodda, mill-2010 sakemm tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, f'liema lokalità kull waħda minnhom tinsab, kemm minnhom inħarġilhom il-permess neċessarju u x'inhu n-numru tar-referenza tal-Awtorità tal-Ippjanar/MEPA f'kull każ?

05/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra lista ta' disa' applikazzjonijiet għall-proposti ta' estensjonijiet ta' yacht marinas/yacht marinas ġodda, li l-Awtorità tal-Ippjanar irċeviet mill-2010 sad-9 ta' Ġunju 2023, bid-dettalji kollha mitluba.

Seduta 134
14/06/2023

**REGULARISATION - APPLIKAZZJONIJIET**

**9655. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il applikazzjoni għar-'regularisation' kien hemm kif ukoll kemm ġew miġbura fondi mill-istess applikazzjonijiet mal-Awtorità tal-Ippjanar mill-2016 sakemm tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, xahar b'xahar? X'kien regolarizzat u x'inhu n-numru tal-applikazzjoni għar-'regularisation' f'kull każ?
05/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li minn meta fetħet l-iskema f'Awwissu tal-2016 sat-13 ta' Ġunju 2023 l-Awtorità tal-Ippjanar ppubblikat 1901 applikazzjoni kompluti għal regolarizzazzjoni ta' żvilupp. Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella ta' fondi li nġabru mill-istess applikazzjonijiet kif ukoll lista ta' dawk l-applikazzjonijiet li ġew approvati b'deskrizzjoni ta' x'ġie regolarizzat.

Seduta 134
14/06/2023

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – ĦRUĠ TA' PERMESSI GĦALL-INSTALLAZJONI TA' BILLBOARDS**

**9656. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il applikazzjoni saret mal-Awtorità tal-Ippjanar/MEPA għal ħruġ ta' permessi għall-installazjoni ta' billboards mill-2010 sakemm tiġi mwieġba din l-mistoqsija parlamentari, sena b'sena? F'liema lokalità u triq tinsab kull applikazzjoni tal-billboard u f'liema stadju tal-proċess tal-Awtorità tinsab kull applikazzjoni? Kemm minnhom ġew approvati u kemm minnhom ġew rifjutati? F'każ ta' rifjut, l-applikant appella mat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (EPRT) mid-deċiżjoni tal-Awtorità? X' kien l-eżitu tad-deċiżjoni tal-EPRT? Jista' jqiegħed 'site plan' immarkata bil-post ta' kull applikazzjoni?

05/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella li turi n-numru ta' applikazzjonijiet għal permess ta' żvilupp għal tqegħid ta' billboards li l-Awtorità tal-Ippjanar kkonfermat bħala kompluti mill-2010 sat-12 ta' Ġunju 2023, sena b'sena; kif ukoll lista ta' dawn l-applikazzjonijiet bit-dettalji mitluba. Ninforma lill-Onor. Interpellant li minn dawn l-applikazzjonijiet, 215-il applikazzjoni ġew approvati, 64 ġew irtirati, 17 għadhom pendenti u 133 ma ntlaqgħux, li minnhom 49 ġew appellati. Minn dawn l-appelli, 4 għadhom pendenti, 11 ġew irtirati, 10 ġew approvati, 20 ġew irrifjutati, 7 intbagħtu lura biex jerġgħu jiġu proċessati mill-Awtorità iżda 3 minnhom reġgħu ġew rifjutati, 3 ġew approvati u każ għadu pendenti.

Seduta 134
14/06/2023

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – PERMESSI RELATATI MAL-UFFIĊINI TA' TRANSPORT MALTA F'RAĦAL ĠDID**

**9657. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-permessi relatati mal-uffiċini li qegħdin jintużaw preżentement minn Transport Malta fil-fond li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament f'Raħal Ġdid u jgħid jekk tali permess huwiex konformi mar-regoli sanitarji u policies oħra tal-Awtorità tal-Ippjanar?

05/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal permess PA2743/10 datat 29 ta' Ottubru 2014 bil-kondizzjonijiet kollha li jinkludi wkoll kondizzjonijiet hekk kif imposti u infurzati minn entitajiet oħra.

Dan l-istess permess segwa l-proċess kollu tal-ippjanar u huwa konformi mar-regoli u policies relevanti.

Seduta 134
14/06/2023

**CONSTANT GLUCOSE MONITORS**

**9720. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Fid-dawl li s-servizz tar-Remote Patient Monitoring għall-persuni kollha bid-dijabete Type 1 ma ġiex estiż sas-sena 2022 kif kien imwiegħed fit-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 22817 tat-13-il Leġiżlatura u fit-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 19, 4555 u 4852 ta' din il-Leġiżlatura, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru

għas-Saħħa jgħid meta se jestendi dan is-servizz jew tal-inqas l-użu ta' Continuous Glucose Monitors għall-persuni kollha bid-Dijabete Type 1 f'pajjiżna kif indika li se jiġri fit-tweġibiet kollha?

06/06/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi s-servizz tas-CGM għad-dijabetiċi tat-Tip 1 qed jiġi estiż sena wara sena. Din is-sena s-servizz ġie estiż biex jinkludi ommijiet tqal dijabetiċi.

Seduta 134
14/06/2023

**NAXXAR – TRIQ IL-LABOUR – XOGĦOL**

**9721. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid x'tip ta' xogħol sar fin-naħa ta' fuq ta' Triq il-Labour, fin-Naxxar, biex jilqa' l-ilma tax-xita, partikolarment fiż-żona ta' ħdejn il-bandli u b'mod partikolari ftit 'l isfel min-niżla ta' Villa Mdina?

06/06/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħlijiet li saru minn Infrastructure Malta kienu jibdew minn Labour Avenue kantuniera ma' Triq l-Imdina, fin-naħa ta' isfel, u għalhekk din il-mistoqsija parlamentari ma tirreferix għal xogħlijiet li saru minn din l-Aġenzija.

Seduta 134
14/06/2023

**NAXXAR – TRIQ IS-SALINA – XOGĦOL**

**9722. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid fiex jikkonsisti x-xogħol li qed isir fi Triq is-Salina, fin-Naxxar, meta beda dan ix-xogħol u meta se jitlesta?

06/06/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li b'riferenza għall-mistoqsija parlamentari numru 9722 din għandha tiġi riferuta lill-Ministeru kkonċernat.

.
Seduta 134
14/06/2023

**SAN PAWL IL-BAĦAR – BAJJA TAX-XEMXIJA – XOGĦOL**

**9723. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid fiex jikkonsisti x-xogħol li qed isir fil-Bajja tax-Xemxija, San Pawl il-Baħar, meta beda u meta se jitlesta?

06/06/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta qed twettaq xogħol fit-triq ta' mal-bajja tax-Xemxija fejn qed isir intervent ta' restawr tas-sistema tal-ilma li twassal mill-Wied tal-Pwales għall-baħar. Ix-xogħol beda fil-bidu ta' Marzu u mistenni jitlesta fix-xahar ta' Lulju.

Seduta 134
14/06/2023

**NAXXAR - STUDJI DWAR L-IMMANIĠĠAR TAT-TRAFFIKU**

**9724. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid xi studji qed isiru dwar traffic management fiż-żona taċ-ċentru tan-Naxxar?

06/06/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Transport Malta mhux qed tagħmel studju fuq traffic Management fl-area msemmija.

Seduta 134
14/06/2023

**NAXXAR - STUDJI DWAR L-IMMANIĠĠAR TAT-TRAFFIKU**

**9725. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid xi studji qed isiru dwar traffic management fiż-żona tan-Naxxar (Triq San Pawl u Triq M. Murray)?

06/06/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Transport Malta mhix konxja li qed isiru studji fuq 'Traffic Management'.

Seduta 134
14/06/2023

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU – KAROZZI LEASED/MIKRIJA**

**9733. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm vetturi ġew leased/mikrija mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu? Meta ġew leased/mikrija, mingħand min, kemm jiswew kull sena u min jużahom?

06/06/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 134
14/06/2023

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA – KAROZZI LEASED/MIKRIJA**

**9734. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm vetturi ġew leased/mikrija mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu? Meta ġew leased/mikrija, mingħand min, kemm jiswew kull sena u min jużahom?

06/06/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Filwaqt li nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 6192, tlabt biex jinġabar il-kumplament tal-informazzjoni.

Seduta 134
14/06/2023

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INTRAPRIŻA – KAROZZI LEASED/MIKRIJA**

**9735. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm vetturi ġew leased/mikrija mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha? Meta ġew leased/mikrija, mingħand min, kemm jiswew kull sena u min jużahom?

06/06/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Filwaqt li nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 6204 u 6223, qed inpoġġi l-kumplament tal-informazzjoni mitluba fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 134
14/06/2023

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL – KAROZZI LEASED/MIKRIJA**

**9736. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm vetturi ġew leased/mikrija mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu? Meta ġew leased/mikrija, mingħand min, kemm jiswew kull sena u min jużahom?

06/06/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Filwaqt li nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 6224, il-kumplament tal-informazzjoni għad-dekasteru tinsab fit-tabella li qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 134
14/06/2023

**FTEHIMIET KOLLETTIVI**

**9772. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 9436 u jgħid kemm ilhom li skadew il-ftehimiet kollettivi u jelenkahom individwalment?

06/06/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari nru 9770.

Seduta 134
14/06/2023

**FTEHIMIET KOLLETTIVI SKADUTI**

**9773. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 9435 u jgħid kemm għandu ftehimiet kollettivi skaduti u jelenka l-postijiet rispettivi fejn huma pendenti?

06/06/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari nru 9770.

Seduta 134
14/06/2023

**KUNSILL LOKALI NAXXAR – PJANTI GĦALL-PROJECT GREEN**

**9777. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-pjanti tal-proposti li saru mill-Kunsill Lokali Naxxar għal dak li jikkonċerna Project Green? Liema kienu dawn il-proposti?

06/06/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra d-dokumenti rikjesti li għaddew lili mill-Kunsill Lokali tan-Naxxar. Infurmat li tali dokumenti jinkludu siteplan, masterplan tal-proġett propost, deskrizzjoni dettaljata tal-proġett kif ukoll xi renderings diġitali tal-proġett.

Intant, ninsab infurmat ukoll li Project Green qed tkompli titkellem mal-applikanti li l-proġetti tagħhom ma ntgħażlux, taħt l-ewwel sejħa tal-Community Greening Grant, biex tara kif dawn il-proġetti jistgħu jsiru ambjentalment aktar sostenibbli bil-possibbiltà li eventwalment jitwettqu.

Seduta 134
14/06/2023

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA – PJANTI GĦALL-PROJECT GREEN**

**9778. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-pjanti tal-proposti li saru mill-Kunsill Lokali Mellieħa għal dak li jikkonċerna Project Green? Liema kienu dawn il-proposti?

06/06/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa illi l-istess Kunsill ressaq proposta lill-Project Green sabiex jiġi żviluppat ġnien pubbliku fuq art konfinanti minn Triq l-Għasel, Triq l-Etna u Triq Mons Franġisk Xuereb, fiż-żona ta' Mellieħa Heights, skont il-permessi PA 1365/14 u PA 6425/19.

Il-pjanti approvati u sottomessi lill-Project Green qed jiġu mqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra iżda wkoll faċilment jistgħu jiġu aċċessati mis-sit elettroniku tal-Awtorità tal-Ippjanar.

Seduta 134
14/06/2023

**ART MIBNIJA U ART MHUX MIBNIJA – KILOMETRI KWADRI**

**9779. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm kilometri kwadri ta' art mibnija f'Malta u kemm hemm kilometri kwadri ta' art mhix mibnija minbarra toroq f'Malta?

06/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta 134
14/06/2023

**POPOLAZZJONI TA' MALTA**

**9780. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra dwar il-popolazzjoni ta' dawk kollha li jgħixu f'Malta? Jista' jelenka l-informazzjoni b'dan il-mod:
a. TCN (Third Country Nationals);
b. Ċittadini tal-UE;
ċ. Maltin; u
d. Refuġjati?
06/06/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi ċ-Ċensiment ma jippermettix l-identifikazzjoni ta' persuni li ngħataw l-istat ta' rifuġjat jew xi forma oħra ta' protezzjoni.
L-unika informazzjoni li tista' tinħareġ hija dik mogħtija hawn taħt, jiġifieri n-numru ta' persuni skont it-tip ta' ċittadinanza.

| **Popolazzjoni ta' Malta** | | | |
|---|---|---|---|
| Maltin | Ċittadini tal-UE | TCN | Mingħajr Stat |
| 404,113 | 40,010 | 75,268 | 171 |
| Sors: Ċensiment tal-Popolazzjoni u d-Djar 2021 | | | |

Seduta 134
14/06/2023

**POPOLAZZJONI - IMPJIEG**

**9781. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministruj għid kemm:

a. TCN (Third Country Nationals);
b. Ċittadini tal-UE;
ċ. Maltin;

i. huma impjegati full-time;
ii. huma impjegati part-time;
iii. huma impjegati mal-Gvern;
iv. huma impjegati ma' awtoritajiet tal-Gvern; u
v. huma impjegati ma' aġenziji tax-xogħol?

06/06/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Filwaqt li għall-ħaddiema tal-Gvern u l-awtoritajiet nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġibiet li ngħataw għall-mistoqsijiet numri 3778 u 5907, il-bqija tal-informazzjoni hi skont it-tabella t'hawn taħt:

| | **Impjegati full-time** | **Impjegati part-time** | **Impjegati ma' aġenziji tax-xogħol (Nace 78)*** |
|---|---|---|---|
| **Ċittadini tal-UE** | 31,833 | 3,787 | 393 |
| **TCN** | 61,505 | 1,895 | 5,210 |
| **Maltin** | 171,332 | 27,518 | 6,159 |
| **TOTAL** | **264,670** | **33,200** | **11,762** |

L-aħħar ċifri ppubblikati huma ta' Jannar 2023

*** Impjegati ma' aġenziji tax-xogħol (Nace 78) -** Dawn il-figuri huma diġà riflessi taħt l-impjegati full-time jew dawk part-time.

Seduta 134
14/06/2023

**IL-MELLIEĦA - TRIQ IL-BARKAZZA, TRIQ ID-DENĊI, TRIQ IT-TUMBRELL U TARAĠ IL-LANDIERA - ASFALTAR**

**9782. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid meta t-toroq li ġejjin li jinsabu fil-Mellieħa, se jkunu ffinalizzati bl-asfalt:
a. Triq Il-Barkazza;
b. Triq id-Denċi;
ċ. Triq it-Tumbrell; u
d. Taraġ il-Landiera?

06/06/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta qed tikkonsulta mal-Kunsill Lokali fuq pjan ta' xogħlijiet fil-lokalità tal-Mellieħa. Taraġ il-Landiera hija waħda mit-toroq li ġiet proposta li jsir ix-xogħol fiha però fadal xi preparamenti li jridu jsiru. Ix-xogħol f'din it-triq mistenni jibda fix-xhur li ġejjin.

Seduta 134
14/06/2023

**AWTORITÀ TAL-ARTIJIET - BEJGĦ TA' PROPRJETÀ**

**9893. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 8993 u 9296 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8626 dwar bejgħ ta' proprjetà mill-Awtorità tal-Artijiet, jista' l-Ministru, għal kull każ, jinforma lill-Kamra bin-numru/referenza tat-tender kif ukoll iqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra s-site plan għal kull każ?

08/06/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba kif ingħatat lili mill-Awtorità ta l-Artijiet.

Seduta 134
14/06/2023

**SKEJJEL PRIMARJI – LSES, GĦALLIEMA, ASSISTENTI KAPIJIET U KAPIJIET LI RRIŻENJAW**

**9894. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 8996 u 9385 u jgħid kemm kien hemm LSEs, għalliema, assistenti kapijiet ta' skejjel u kapijiet ta' skejjel fil-livell primarju li rriżenjaw mill-impjieg tagħhom matul l-aħħar 12-il xahar, maqsuma għal kull kategorija?

08/06/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 134
14/06/2023

**SKEJJEL SEKONDARJI – LSES, GĦALLIEMA, ASSISTENTI KAPIJIET U KAPIJIET LI RRIŻENJAW**

**9895. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 9176 u 9386 u jgħid kemm kien hemm LSEs, għalliema, assistenti kapijiet ta' skejjel, u kapijiet ta' skejjel fil-livell sekondarju li rriżenjaw mill-impjieg tagħhom, matul l-aħħar 12-il xahar, maqsuma għal kull kategorija?

08/06/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 134
14/06/2023

**ĊENTRI S.T.E.A.M.**

**9896. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 9139 u 9394 u jgħid fejn jinsabu ċ-Ċentri S.T.E.A.M.? Kif titħaddem din is-sistema f'dawn iċ-ċentri? Kemm sar investiment f'dawn iċ-ċentri? Kemm sar investiment f'kull ċentru?

08/06/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 134
14/06/2023

**BAJJIET TA' WIED IL-GĦAJN – ĦRUĠ TA' XAĦAM FIL-BAĦAR MILL-FISH FARMS**

**9916. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid jekk saritx, jew jekk fin-negattiv tara jekk huwiex possibbli li ssir, evalwazzjoni u investigazzjoni ta' ġbir ta' dak li jiġi msejjaħ bħala "xaħam" fil-baħar li qiegħed jinġabar fil-bajjiet ta' Wied il-Għajn b'lega bajda, li jingħad li qiegħed joħroġ mill-Fish Farms u x'inhu jsir biex jiġi kkontrollat?

08/06/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) ma rċeviet l-ebda rapporti dwar dak li ġie deskritt bħala 'xaħam' fil-baħar fil-bajjiet ta' Marsaskala. Infurmata wkoll illi f'dan il-perjodu, l-operat tal-fish farms ikun għadu ma bediex.

Sadattant, ninforma lill-Onor. Interpellant li minn investigazzjonijiet ta' rapporti simili, fi bnadi oħrajn tal-kosta tal-gżejjer Maltin fil-ġimgħat li għaddew, irriżulta li dak li kien innutat kien 'foam' naturali tal-baħar imħallat ma' bram mejjet, fdalijiet tal-baħar u ħmieġ antropoġeniku ieħor.

Seduta 134
14/06/2023

**BELT VALLETTA – TRIQ IN-NOFS IN-NHAR - TISWIJIET FIĊ-ĊANGATURA**

**9917. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid meta se jkunu lesti t-tiswijiet neċessarji fi Triq in-Nofs in-Nhar, il-Belt Valletta, fiċ-ċangatura tal-art bejn Triq ir-Repubblika u Triq l-Ifran, billi qegħdin isiru iktar perikolużi?

08/06/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 134
14/06/2023

**PAOLA HUB**

**9918. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għall-mistoqsijiet parlamentari preċedenti dwar il-Paola Hub, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk il-230 post ta' parkeġġ hemm indikati hux se jinbnew fi ħdan il-kumpless il-ġdid jew inkella f'Pace Grasso? Jista' jgħid ukoll kemm hu previst li se jkun hemm ħaddiema matul il-jum li jagħmlu użu mill-istess parkeġġ?

08/06/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Paola Hub se jkollu 229 post ta' parkeġġ fuq in-naħa ta' wara tal-binja prinċipali.

Seduta 134
14/06/2023

**URBAN IMPROVEMENT FUND U DEVELOPMENT PLANNING FUND**

**9973. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2906 u jgħid kemm daħlu flus fl-Urban Improvement Fund u fid-Development Planning Fund, fond b'fond u sena b'sena, mill-1 ta' Jannar 2013 sal-aħħar ta' Diċembru 2022, u liema kienu l-proġetti li ġew iffinanzjati minn dawn il-fondi? X'kien l-ammont ta' finanzjament proġett proġett, fejn sar kull proġett u x'inhu l-istatus ta' kull proġett?

09/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta 134
14/06/2023

**SEJĦA TA' HEADSHIP POSITIONS**

**9974. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: B'referenza għas-sejħa pubblika ta' 'Headship Positions' li ħarġet fit-28 ta' Ottubru 2022 bin-numru taċ-ċirkolari 16/2022, jista' l-Prim Ministru jgħid jekk kienx hemm każijiet diretti jew indiretti ta' kunflitt ta' interess marbutin mal-għażla tal-kandidati għal din is-sejħa?

09/06/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li għal din is-sejħa pubblika ma kienx hemm kunflitti ta' interess waqt xi parti mill-proċess. Ninforma lill-Onor. Interpellant li kull membru fuq is-Senior Appointments Advisory Committee huwa obbligat li jiddikjara kwalunkwe kunflitt ta' interess. F'każ ta' kunflitt, il-membru jirrikuża ruħu mill-proċess u floku jidħol membru sostitut.

Seduta 134
14/06/2023

**ENFORCEMENT NOTICE DWAR PERMESS**

**9975. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9495, jista' l-Ministru jgħid x'passi oħrajn tista' tikkonsidra l-Awtorità tal-Ippjanar fejn jinstab żvilupp li mhux kopert b'permess ta' żvilupp ma jitneħħiex u fiex tikkonsisti l-proċedura stabbilità li tintuża f'dawn il-każijiet?

09/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fejn jinstab żvilupp li mhux kopert b'permess ta' żvilupp u dan ma jitneħħiex wara li l-Awtorità tkun ħarġet Avviż ta' Waqfien u ta' Twettiq

u wara li jiġi verifikat li r-rimedji kolla mogħtija mil-liġi ġew eżawriti, l-Awtorità tal-Ippjanar tikkomunika mas-sid jew mal-persuna li tokkupa l-art sabiex jiġi stabbilit jekk l-iżvilupp illegali hux ser jitneħħa mis-sid jew mill-persuna li tokkupa l-art u li jekk dan ma jseħħx l-Awtorità għandha d-dritt skont il-liġi li tneħħi l-iżvilupp illegali hi mingħajr ebda preavviż, f'dik li tissejjaħ azzjoni diretta, liema azzjoni ssir a spejjeż ta' min huwa responsabbli tat-tali żvilupp mhux kopert b'permess.
Il-proċedura li tintuża f'dawn il-każijiet, hija dik li hemm fl-Att prinċipali Kap. 552 artikolu 100.

Seduta 134
14/06/2023

**URBAN DEVELOPMENT CAPACITY STUDY**

**9976. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9494, jista' l-Ministru jispjega x'għandu jinftiehem meta jingħad abbozz ta' studju tal-'Urban Development Capacity Study' li fir-rapport annwali tal-Awtorità tal-Ippjanar għas-sena 2022 (pg. 9) huwa rrapportat li tlesta u x'jista' jinbidel fl-istudju bejn l-abbozz u dak finali?

09/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-'Development Capacity Study' tlesta fi stadju t'abbozz, liema abozz huwa suġġett għal studji u konsultazzjoni interna addizzjonali.

Seduta 134
14/06/2023

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – APPLIKAZZJONIJIET GĦALL-ISKEMA 'IRRESTAWRA DAREK'**

**9977. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 9493 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista eżawrjenti tal-applikazzjonijiet kollha, inkluż dawk fil-waiting list, illi l-Awtorità tal-Ippjanar irċeviet fl-aħħar sejħa tal-Iskema 'Irrestawra Darek' illi turi mhux biss in-numru tal-applikazzjoni, il-Perit li applika f'isem il-klijent u l-Kunsill Lokali, imma wkoll it-timestamp ta' meta l-applikazzjoni rreġistrat ruħha fis-sistema?

09/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 9784 u 9446 li ngħataw fis-seduta 132.

Seduta 134
14/06/2023

**SEJĦA TA' HEADSHIP POSITIONS**

**9978. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: B'referenza għas-sejħa pubblika ta' 'Headship Positions' li ħarġet fit-28 ta' Ottubru 2022 bin-numru taċ-ċirkolari 16/2022, jista' l-Prim Ministru jgħid jekk kienx hemm kandidati li kienu jissodisfaw il-kriterji meħtieġa u ma saritilhomx l-intervista personali?

09/06/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Din is-sejħa tmexxiet skont in-Nomination Process stabbilit fejn isir shortlisting għal Psychometric/Personality Test ikkumbinat ma' extended interview. Ninsab infurmat ukoll li fl-extedned interview ikun hemm preżenza ta' membru tekniku u xi applikanti talbu u ġew mogħtija l-opportunità li jiddiskutu l-eżitu mal-membru tekniku biex jaraw kif jistgħu itejbu l-prestazzjoni tagħhom f'applikazzjonijiet futuri.

Seduta 134
14/06/2023